

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Settembru 2009
— E.ON Ruhrgas u E.ON Földgáz Trade vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-57/07) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Konċentrazzjoni — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni — Impenji — Ittri tal-Kummissjoni dwar l-impenji — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbilità”)

(2009/C 267/114)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: E.ON Ruhrgas International AG (Essen, il-Ġermanja); u E.ON Földgáz Trade Zrt (Budapest, l-Ungaria) (rappreżentanti: G. Wiedemann u T. Lübbig, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Bouquet u V. Di Bucci, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet li allegatament jinsabu fl-ittri tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 u tas-16 ta' Jannar 2007 dwar l-impenji assunti minn E.ON Ruhrgas International AG, imsemmija fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2005, li permezz tagħha din tal-aħħar iddikjarat konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ittehim dwar iż-ŻEE (Kawża COMP/M.3696 — E.ON/MOL).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) E.ON Ruhrgas International AG u E.ON Földgáz Trade Zrt għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU C 95, 28.4.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-4 ta' Settembru 2009
— Pioneer Hi-Bred International vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-139/07) ⁽¹⁾

(“Approssimazzjoni tal-liġjiet — Rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetiċkament — Proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' t-poġġija fis-suq- Nuqqas tal-Kummissjoni li tressaq quddiem il-kumitat regolatorju abbozz ta' miżuri — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Telf-tas-suġġett tal-kawża — M'hemmix lok li tingħata deċiżjoni”)

(2009/C 267/115)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Pioneer Hi-Bred International, Inc. (Iowa, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Temple Lang, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment D. Lawunmi u C. Zadra, aġenti, sussegwentement P. Oliver u C. Zadra, aġenti)

Suġġett

Talba intiża sabiex jiġi kkonstatat, skont l-Artikolu 232 KE, li billi naqset milli tressaq quddiem il-kumitat regolatorju, skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tiprovi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, p. 23), abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tan-notika tar-rikkorrenti dwar it-poġġija fis-suq ta' qamhirru modifikat ġenetiċkament 1507, il-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetiċkament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Mgħadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikkors
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Pioneer Hi-Bred International, Inc

⁽¹⁾ ĠU C 155, 7.7.2007

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Settembru 2009
— LPN vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-186/08) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament u għad-danni — Ambjent — Direttiva 92/43/KEE — Għeluq ta' ilment — Nuqqas ta' ftuħ ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Access għal dokumenti — Regolament KE 1049/2001 — Manifestament inammissibbli — M'hemmix lok li tingħata deċiżjoni”)

(2009/C 267/116)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Liga para a Protecção da Natureza (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentant: P. Vinagre e Silva, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u D. Recchia, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Portuġiż (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, T. Moreira u A. de Oliveira Mendonça, aġenti, assistenti minn D. Abecasis u A. Marques, avukati)